Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,976, 16 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 353 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Istatut biex jemenda l-Istatut għaċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Emozzjonali u Soċjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikoli 72(h), 75(2), 77(c)(d) u 136(3) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut biex jemenda l-Istatut għaċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Emozzjonali u Soċjali, u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Istatut għaċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Emozzjonali u Soċjali, ppubblikat bħala Avviż Legali 322 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "l-istatut prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-istatut għandu japplika mil-15 ta' Marzu 2021 'il quddiem.

L-Emenda għall-paragrafu (f) tal-artikolu 2 tal-istatut prinċipali

3. Minflok paragrafu (f) tal-artikolu 2 tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(f) li jipprovdi tagħlim u taħriġ, li jinkludi programmi ta' studji li jwasslu għal rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad , għall-prattikanti, għall-edukaturi u applikanti prospettivi lokali, nazzjonali u kif ukoll fuq livell Ewropew; u"